

Paġna Ewlenija > ... > Leġiżlazzjoni U Każistika > Każistika Nazzjonali > Austria

Każistika nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn Awstrija

Awstrija



Din it-taqsimha tipprovdha f'arsa ġenerali lejha il-ġurisprudenza Awstrijaka u l-bażijiet tad-data legali rilevanti.

Bażijiet tad-data tal-ġurisprudenza online

Is-sentenzi mogħtija mill-qorti Awstrijaċi jiġu ppubblikati fis-sistema ta' informazzjoni legali tar-Repubblika tal-Awstrija u jinstabu fuq <http://www.ris.bka.gv.at/>. Is-sentenzi tal-qorti superjuri u tal-qorti amministrattivi jiġu ppubblikati sħaħ; dawk tal-qorti l-oħra jiġu ppubblikati biss f'xi każijiet individwali.

Is-sistema ta' informazzjoni legali (*Rechtsinformationssystem – RIS*) hija bażi tad-data elettronika mħaddma mill-Kanċellerija Federali Awstrijaka. L-għan ewlieni tagħha huwa li tħabbar leġiżlazzjoni ppubblikata fil-gazzetta tal-liġi federali Awstrijaka (*Bundesgesetzblatt*) u li tipprovdha informazzjoni dwar il-liġi fir-Repubblika Federali tal-Awstrija.

Ir-RIS toffri aċċessibilità tajba għall-web (WAI-AA f'konformità ma' WCAG 2.0).

Preżentazzjoni tad-deċiżjonijiet/tal-intestaturi

Ġurisprudenza ppreżentata b'intestatura	Qorti Suprema Iva	Qorti oħra Parzjalment
---	----------------------	---------------------------

Eżempji ta' intestatura/i:

Numru tas-serje RS0127077

Numru ta' referenza 11 Os 87/11w

Data tas-sentenza 25.8.2011

Test tal-intestatura

Intestatura hija ġeneralment magħmula mill-elementi li ġejjin: numru tad-diviżjoni: 11, referenza tat-tip ta' proċedura: Os, numru kurrenti: 87, u s-sena: 11. Imbagħad tidded id-data tas-sentenza: 25.8.2011.

Identifikatur Ewropew tal-Każistika (European Case Law identifier, ECLI)

L-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) jinstab taħt din l-intestatura. Dan huwa identifikatur uniku għas-sentenzi tal-Qorti fl-Istati Membri tal-UE.

Formati

Is-sentenzi huma disponibbli fil-formati li ġejjin: XML, RTF, PDF u HTML.

Qrati u istituzzjonijiet oħrajn ikkonċernati

Qrati Supremi

- Qorti Suprema (*Oberster Gerichtshof*)
- Qorti Kostituzzjonali (*Verfassungsgerichtshof*)
- Qorti Amministrattiva (*Verwaltungsgerichtshof*)

Qrati u istituzzjonijiet oħrajn

- Qrati reġjonali għoljin (*Oberlandesgerichte*) u qrati oħrajn (kawżi ċivili u kriminali)
- Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*)
- Qrati Amministrattivi Reġjonali (*Landesverwaltungsgerichte*)
- Qorti Federali tal-Finanzi (*Bundesfinanzgericht*, esterna)
- Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (*Datenschutzbehörde*) (qabel l-2014: il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tad-Data (*Datenschutzkommission*))
- Kummissjonijiet Dixxiplinarji (*Disziplinarkommissionen*), Kummissjoni Dixxiplinarja Suprema (*Disziplinarioberkommission*), Tribunal tal-Appelli (*Berufungskommission*)
- Awtorità Superviżorja għar-Rappreżentazzjoni tal-Impjegati (*Personalvertretungsaufsichtsbehörde*) (qabel l-2014: Kummissjoni Superviżorja għar-Rappreżentazzjoni tal-Impjegati (*Personalvertretungs-Aufsichtskommission*))
- Kummissjonijiet għat-Trattament Indaqs (*Gleichbehandlungskommissionen*) mill-2014
- Kummissjonijiet għat-Trattament Indaqs (*Gleichbehandlungskommissionen*) mill-2008 (estern)
- Tribunali Amministrattivi Indipendenti (*unabhängige Verwaltungssenate*) – għażla ta' deċiżjonijiet mill-1991 sal-2013, imbagħad il-Qrati Amministrattivi Reġjonali
- Dokumentazzjoni finanzjarja, it-Tribunal Indipendenti tal-Finanzi (*unabhängiger Finanzsenat*) (estern; deċiżjonijiet sal-2013, imbagħad il-Qorti Federali tal-Finanzi)
- Tribunal għall-Ażil Federali Indipendenti (*unabhängiger Bundesasylsenat*) (għażla ta' deċiżjonijiet mill-1998 sal-2008)
- Tribunal tal-Ażil (*Asylgerichtshof*) (sentenzi minn Lulju 2008 sal-2013, imbagħad il-Qorti Amministrattiva Federali)
- Tribunal tal-Ambjent (*Umweltsenat*) (għażla ta' deċiżjonijiet mill-1994 sal-2013, imbagħad il-Qorti Amministrattiva Federali)
- Il-Bord tal-Komunikazzjonijiet Federali (*Bundeskommunikationsenat*) (għażla ta' deċiżjonijiet mill-2001 sal-2013, imbagħad il-Qorti Amministrattiva Federali)
- Awtoritajiet għar-Rieżami tal-Akkwist Pubbliku (għażla ta' deċiżjonijiet sal-2013, imbagħad il-Qorti Amministrattiva Federali)

Nota: Mhux ir-risposti kollha ta' hawn isfel japplikaw għall-qrati u t-tribunali ta' hawn fuq

Proċedimenti ulterjuri

	Qrati Supremi	Qrati oħra
Teżisti informazzjoni dwar:		
• appelli?	Le	Le
• jekk kawża għadhiex pendenti?	Le	Le
• l-eżitu tal-appelli?	Le	Iva, dment li d-deċiżjonijiet tal-qrati superjuri jiġu ppubblikati
• l-irrevokabbiltà tas-sentenza?	Sentenzi irrevokabbli biss jiġu ppubblikati.	Sentenzi irrevokabbli biss jiġu ppubblikati.
• Proċedimenti ulterjuri quddiem:		
• qorti nazzjonali oħra (Qorti Kostituzzjonali, eċċ.)?		
• il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja?		
• il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem?		
• Sommarji speċjali tas-sentenzi tal-Qorti Suprema	Iva	Le
jindikaw li hemm proċedimenti pendenti quddiem Qorti	Iva	Le
suprema nazzjonali jew internazzjonali oħra.	Iva	Le

Regoli tal-Pubblikazzjoni

Jeżistu regoli vinkolanti għall-pubblikazzjoni tas-sentenzi? Fuq livell nazzjonali? Fuq livell tal-qrati?
 Iva Iva
 L-Artikoli 15 u 15a tal-Att dwar il-Qorti Suprema (l-Att OGH), l-Artikolu 48a tal-Att dwar l-Organizzazzjoni Ġudizzjarja (GOG), l-Artikolu 23 tal-Att dwar il-Qorti Federali tal-Finanzi (BFGG), l-Artikolu 20 l-Att dwar il-Qorti Amministrattiva Federali (BVwGG)

	Qrati Suprema	Qrati oħra
Is-sentenzi kollha jiġu ppubblikati jew uħud minnhom biss?	Bi ftit eċċezzjonijiet Is-sentenzi jiġu ppubblikati sħaħ flimkien ma' sommarju. Sentenzi tal-Qorti Suprema li jiċċdu appell mingħajr motivazzjoni sostantiva ma jiġux ippubblikati.	Għażla żgħira biss fil-qasam tal-qrati ordinarji; b'mod estensiv fil-każ tal-qrati amministrattivi Is-sentenzi jiġu ppubblikati sħaħ flimkien ma' sommarju. Is-sentenzi ta' qrati oħrajn jiġu ppubblikati jekk is-sinifikat tagħhom jmur lil hinn minn dak tal-kawża individwali.
Jekk issir għażla, liema kriterji jiġu applikati?		

L-aħħar aġġornament: 04/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.